ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 246

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

20 ta' Ottubru 2007

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2007/C 246/01 Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] 1

2007/C 246/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.4742 — Oxbow/SSM) [1] 4

III *Atti preparatorji*

KUMMISSJONI

2007/C 246/03 Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni 5

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2007/C 246/04 Rata tal-kambju ta' l-euro 9

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Avviż Nru	Werrej (ikompli)	Paġna
2007/C 246/05	L-aħħar pubblikazzjoni ta' dokumenti COM minbarra l-proposti leġiżlattivi u proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni ĠU C 191 tat-17.8.2007	10
2007/C 246/06	Dokumenti COM minbarra l-proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni	11
2007/C 246/07	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-perċentwal finali ta' użu, matul is-sena 2007, tal-kwoti għall-importazzjoni tar-ross stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2021/2006	14

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Kummissjoni

2007/C 246/08	Avviż ta' bidu ta' proċedura ta' *anti-dumping* fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (bħal madolin, eċċ.) li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	15

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Kummissjoni

2007/C 246/09	Għajnuna mill-Istat — Il-Ġermanja — Għajnuna mill-Istat C 33/07 (ex N 729/06 u N 339/06) — Fond ta' kapital ta' riskju IBG għal Sachsen-Anhalt — Stedina għas-sottomissjoni ta' kummenti skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE [1]	20
2007/C 246/10	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4929 — Fiat/Ergom) [1]	42
2007/C 246/11	Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4825 — SFR/Somart/Débitel France) [1]	43
2007/C 246/12	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4933 — Emerson Electric Co./Motorola ECC) [1]	43
2007/C 246/13	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.4872 — Eurovia/Compagnie Signature/JV) [1]	44

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 246/01)

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	18.7.2007
Għajnuna Nru	N 810/06
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	Sachsen
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	AMD
Il-bażi legali	Investitionszulagengesetz 2005 und 2007; 35. GA-Rahmenplan
It-tip tal-miżura	Għajnuna individwali
L-għan	Żvilupp reġjonali
Il-forma ta' l-għajnuna	Għotja diretta, Allowance fiskali
L-Estimi	Baġit globali: 262,4 miljun EUR
L-intensità	11,9 %
It-tul ta' żmien	1.4.2006-31.12.2009
Setturi ekonomiċi	Il-kompjuter u attivitajiet relatati
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	(IZ) Finanzamt Dresden II Gutzkowstraße 10 D-01069 Dresden (GA) Sächsische Aufbaubank — Förderbank Pirnaische Straße 9 D-01069 Dresden
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	27.6.2007
Għajnuna Nru	N 107/07
Stat Membru	L-Italja
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Sussidio per l'acquisto di iDTV
Il-bażi legali	Commi 357 e 361 dell'art. 1 della legge 27.12.2006 n. 296
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Żvilupp settorjali, It-twettiq ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew
Il-forma ta' l-għajnuna	Allowance fiskali
L-Estimi	Baġit annwali: 40 miljun EUR; Baġit globali: 40 miljun EUR
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	1.1.2007-31.12.2007
Setturi ekonomiċi	Il-Midja, L-industrija tal-manifattura
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Ministero delle Comunicazioni Largo Pietro di Brazzà, 86 I-00187 Roma
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	10.7.2007
Għajnuna Nru	N 192/07
Stat Membru	Franza
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Modification de NN 84/04 — Soutien aux secteurs du cinéma et de la production audiovisuelle en France — Modernisation du dispositif de contribution du secteur télévisuel au compte de soutien
Il-bażi legali	Article 302 *bis* KB du code général des impôts; Article 302 *bis* KC du code général des impôts
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Kultura
Il-forma ta' l-għajnuna	Imposta (levy) parafiskali
L-Estimi	Baġit annwali: 9-16,5 miljun EUR
L-intensità	—

It-tul ta' żmien	1.1.2008-31.12.2011
Setturi ekonomiċi	Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	CNC 12, rue de Lübeck F-75784 Paris
Aktar informazzjoni	NN 84/04; N 95/04: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/c_305/c_30520061214en00080012.pdf

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ COMP/M.4742 — Oxbow/SSM)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 246/02)

Fi 7.8.2007, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— F'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32007M4742. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea. (http://eur-lex.europa.eu)

III

(Atti preparatorji)

KUMMISSJONI

Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni

(2007/C 246/03)

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2007) 154		27.3.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet rilevanti skond l-Artikolu XXI GATS ma' l-Arġentina, l-Awstralja, l-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, it-Taipei Ċiniża, il-Kolumbja, Kuba, l-Ekwador, Hong Kong Ċina, l-Indja, l-Ġappun, il-Korea, New Zealand, il-Filippni, l-Isvizzera, u l-Istati Uniti, dwar l-aġġustamenti ta' kumpens meħtieġa li jirriżultaw mill-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubbblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Iżvezja ma' l-Unjoni Ewropea
COM(2007) 180		12.4.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra
COM(2007) 190	1	17.4.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra
COM(2007) 190	2	17.4.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra
COM(2007) 196		18.4.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd
COM(2007) 306		11.6.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill Dwar l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)
COM(2007) 356		22.6.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill Li jwaqqaf l-"Impriża Komuni ENIAC"
COM(2007) 364		27.6.2007	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli għall-finanzjament tagħhom

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2007) 381		5.7.2007	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KEE rigward ċerti dispożizzjonijiet temporanji dwar rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud
COM(2007) 410		16.7.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond ta' Żvilupp Ewropew
COM(2007) 419		18.7.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill Li jemenda u jaġġorna r-Regolament (KE) Nru 1334/2000 li jwaqqaf reġim tal-Komunità għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju
COM(2007) 427		18.7.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp
COM(2007) 438	1	23.7.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika tas-Serbja dwar l-ilqugħ mill-ġdid
COM(2007) 438	2	23.7.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika tas-Serbja dwar l-ilqugħ mill-ġdid
COM(2007) 442		24.7.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Franza tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-petrol bla ċomb użat bħala fjuwil u mqiegħed għall-konsum fid-dipartimenti ta' Korsika skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE
COM(2007) 449		26.7.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jadatta r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (REACH) minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.
COM(2007) 451		27.7.2007	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fanali tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (Verżjoni kkodifikata)
COM(2007) 455		30.7.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 li tistabbilixxi l-kumitat konsultattiv għall-programm tal-fużjoni
COM(2007) 457		31.7.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni li għandhom jieħdu il-Komunitajiet fil-Bord Regolatorju taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija dwar l-adeżjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-Ftehim li jistabbilixxi Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija, konkluż bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Ġappun, il-Federazzjoni Russa u, waqt li jaġixxu bħala Parti waħda, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Komunità Ekonomika Ewropea
COM(2007) 462		6.8.2007	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soppressjoni ta' l-interferenza tar-radju prodotti minn tratturi agrikoli u għall-foresterija (kompattibbilita elettromanjetika) (Verżjoni kkodifikata)

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2007) 463		7.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' protokoll addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra, biex tittieħed in kunsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea
COM(2007) 464	1	3.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min- naħa, u l-Istat ta' Israel, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija
COM(2007) 464	2	3.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, biex jingħata qies ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija
COM(2007) 465		7.8.2007	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 84/539/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar tagħmir elettro-mediku użat fil-mediċina veterinarja
COM(2007) 466		10.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni
COM(2007) 467		10.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Partenarjat AKP-KE u l-Artikolu 37 ta' l-Istrument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp
COM(2007) 470		14.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' l-ewwel u tat-tieni emenda għall-Konvenzjoni ta' Espoo ta' l-UN/ECE dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali fil-Kuntest Transkonfinali
COM(2007) 472		16.8.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jirrigwarda l-konklużjoni tal-Ftehim tas-Shubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik
COM(2007) 473		16.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Shubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Możambik
COM(2007) 475		3.8.2007	Opinjoni tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, punt (c) tat-Trattat tal-KE, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsillal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili
COM(2007) 476		20.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tipprovdi għal għajnuna makrofinanzjarja Komunitarja lil-Libanu
COM(2007) 477	1	21.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm tal-Komunità MEDIA 2007, u Att Finali

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2007) 477	2	21.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-qasam awdjoviżiv, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-programm tal-Komunità MEDIA 2007, u Att Finali
COM(2007) 478		21.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa dwar kooperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill ta' l-Ewropa
COM(2007) 480		22.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS)
COM(2007) 481		24.8.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill le jemenda r-Regolament (KE) Nru 1487/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq ċerti importazzjonijiet ta' ċerti tessuti b'ħajt tal-poliester lesti, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
COM(2007) 482		27.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka
COM(2007) 483		28.8.2007	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/17/KE dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi
COM(2007) 484		29.8.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD)
COM(2007) 489		31.8.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 dwar is-sorveljanza mwettqa fil-waqt ta' l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jirċievu rifużjonijiet jew ammonti oħra
COM(2007) 490		31.8.2007	Proposta għal Regolament tal-Kunsill Li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' film tal-polyethylene terephthalate (PET) li joriġina fl-Indja

Dawn it-testi huma disponibbli fuq il-EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Rata tal-kambju ta' l-euro ([1])

It-19 ta' Ottubru 2007

(2007/C 246/04)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,4288	RON	Leu Rumen	3,3614
JPY	Yen Ġappuniż	164,86	SKK	Krona Slovakka	33,466
DKK	Krona Daniża	7,4543	TRY	Lira Turka	1,7161
GBP	Lira Sterlina	0,69730	AUD	Dollaru Awstraljan	1,5932
SEK	Krona Żvediża	9,1677	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3809
CHF	Frank Żvizzeru	1,6714	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	11,0747
ISK	Krona Iżlandiża	85,46	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,8958
NOK	Krona Norveġiża	7,6715	SGD	Dollaru tas-Singapor	2,0896
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 308,92
CYP	Lira Ċiprijotta	0,5842	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	9,6997
CZK	Krona Ċeka	27,239	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	10,7274
EEK	Krona Estona	15,6466	HRK	Kuna Kroata	7,3404
HUF	Forint Ungeriż	250,55	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 987,79
LTL	Litas Litwan	3,4528	MYR	Ringgit Malażjan	4,7986
LVL	Lats Latvjan	0,7017	PHP	Peso Filippin	63,010
MTL	Lira Maltija	0,4293	RUB	Rouble Russu	35,4850
PLN	Zloty Pollakk	3,6840	THB	Baht Tajlandiż	44,901

([1]) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

L-ahhar pubblikazzjoni ta' dokumenti COM minbarra l-proposti leġiżlattivi u proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni

(2007/C 246/05)

ĠU C 191 tat-17.8.2007

Storja ta' pubblikazzjonijiet preċedenti:

ĠU C 181 tat-3.8.2007

ĠU C 138 tat-22.6.2007

ĠU C 126 tat-7.6.2007

ĠU C 78 tat-11.4.2007

ĠU C 332 tat-30.12.2006

ĠU C 317 tat-23.12.2006

Dokumenti COM minbarra l-proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni

(2007/C 246/06)

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2007) 206		10.5.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew żvilupp u konsolidament tas-servizz estern: 2007-2008
COM(2007) 266		23.5.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-konsegwenzi ta' l-esklużjoni tax-xufiera li jaħdmu għal rashom mill-ambitu tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2002/15/KE tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq
COM(2007) 324		13.6.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 814/2000 dwar il-miżuri ta' tagħrif li għandhom x'jaqsmu mal-politika agrikola komuni
COM(2007) 328		25.6.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ibbażat fuq l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat
COM(2007) 343		21.6.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rapport ta' progess tal-31 ta' marzu 2007 dwar il-modernizzazzjoni tas-sistema ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni ewropea
COM(2007) 357		27.6.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Mill-Kajr għal Lisbona — Il-Partenarjat Strateġiku bejn l-UE u l-Afrika
COM(2007) 359		27.6.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-kumitat ekonomiku u soċjali ewropew u lill-kumitat tar-reġjuni — Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà:
COM(2007) 374		4.7.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-kumitat ekonomiku u soċjali u lill-kumitat tar-reġjuni — Reviżjoni tal-politika industrijali ta' nofs it-terminu Kontribut lejn l-Istrateġija ta' l-UE għat-Tkabbir u x-Xogħlijiet
COM(2007) 377		27.6.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — dwar il-progress tal-Bulgarija fir-rigward tal-miżuri supplimentari wara l-Adeżjoni
COM(2007) 392		3.8.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - Intejbu l-Kwalità ta' l-Edukazzjoni ta' l-Għalliema
COM(2007) 401		11.7.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-kumitat ekonomiku u soċjali ewropew u lill-kumitat tar-reġjuni — dwar ir-reviżjonijiet tas-suq taħt il-Qafas Regolatorju ta' l-UE (it-2 rapport) Konsolidazzjoni tas-suq intern għall-komunikazzjonijiet elettroniċi

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2007) 409		18.7.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni il-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, il-kumitat ekonomiku u soċjali ewropew u l-kumitat tar-reġjuni — It-Tisħiħ tas-Suq Intern tat-TV Ċellulari
COM(2007) 412		10.7.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill — Nirriformaw l-Ewropa għas-Seklu 21
COM(2007) 414		18.7.2007	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tindirizza l-isfida ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u l-perjodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea
COM(2007) 416		31.7.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill — Rapport 2001–2005 dwar l-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' għajnuniet nazzjonali fit-tul favur l-agrikoltura fir-reġjuni tat-Tramuntana ta' l-Iżvezja skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/291/KE
COM(2007) 424		18.7.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-kumitat ekonomiku u soċjali u lill-kumitat tar-reġjuni — Niġġieldu kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel
COM(2007) 434		16.7.2007	Komunikazzjoni Mill-Kummissjoni Lill-Kunsill, Lill-parlament Ewropew, Lill-kumitat Ekonomiku U Soċjali Ewropew, Lill-kumitat Tar-reġjuni U Lill-bank Ċentrali Ewropew — Il-ħames rapport dwar it-tħejjijiet prattiċi għat-tkabbir ġejjieni taż-żona euro
COM(2007) 448		25.7.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew — Rapporti mill-Istati Membri dwar tipi ta' mġiba li kisru serjament ir-regoli dwar il-Politika Komuni tas-Sajd fl-2005
COM(2007) 454		30.7.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-awtorità tal-baġit dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2006
COM(2007) 459		31.7.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill — Rapport ta' l-2001-2005 dwar l-implimentazzjoni ta' skema ta' għajnuna nazzjonali fit-tul għall-biedja fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Finlandja skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/404/KE
COM(2007) 461		1.8.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew deskrizzjoni fil-qosor ta' l-azzjonijiet ta' difiża kummerċjali ta' pajjiżi terzi kontra l-komunità (statistika sal-31 ta' diċembru 2006 iżda l-kummenti dwar il-każijiet u t-test huma aġġornati sa april 2007)
COM(2007) 469		14.8.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-dispożizzjonijiet legali, is-sistemi u l-prattiki eżistenti fl-Istati Membri u fil-livell Komunitarju relatati mar-responsabiltà fis-settur ta' l-ikel u ta' l-għalf u fuq sistemi fattibbli għall-garanziji finanzjarji fis-settur ta' l-għalf fil-livell Komunitarju b'konformità ma' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-iġjene ta' l-għalf
COM(2007) 471		14.8.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew —Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Makaw: Rapport Annwali 2006

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2007) 474		16.8.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni reġjuni ewropej kompetittivi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni — Kontribuzzjoni lejn aktar tkabbir u impjiegi aktar u itjeb
COM(2007) 486		30.8.2007	Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self tal-komunitajiet ewropej fl-2006
COM(2007) 489		31.8.2007	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew — Is-Simplifikazzjoni: L-emenda tar-Regolament (KEE) Nru 386/90

Dawn it-testi huma disponibbli fuq il-EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-perċentwal finali ta' użu, matul is-sena 2007, tal-kwoti għall-importazzjoni tar-ross stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2021/2006

(2007/C 246/07)

Il-perċentwal finali ta' użu għal kull kwota, stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2021/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti għall-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Istati Afrikani, mill-Karibew u mill-Paċifiku (AKP) u mill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej (OCT) ([1]), matul is-sena 2007 huwa stabbilit kif ġej.

Oriġini/Prodott	Numru tas-serje	Perċentwal finali ta' l-użu tal-kontinġent għas-sena 2007
AKP [l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 2021/2006] — kodiċijiet NM 1006 10 21 sa 1006 10 98, 1006 20 u 1006 30	09.4187	99,95 %
AKP [l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 2021/2006] — kodiċi NC 1006 40 00	09.4188	99,08 %
OCT [Artikolu 8 u l-Artikolu 9(1)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 2021/2006] — kodiċi NM 1006		
a) L-Antilli Olandiżi u Aruba	09.4189	75,47 %
b) L-OCTs l-anqas żviluppati	09.4190	0 %

([1]) ĠU L 384, 22.12.2006, p.61.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

KUMMISSJONI

Avviż ta' bidu ta' proċedura ta' *anti-dumping* fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (bħal madolin, eċċ.) li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2007/C 246/08)

Il-Kummissjoni rċeviet ilment skond l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 (22.12.1995) dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1], li jallega li l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (bħal mandolin, eċċ.), li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat"), qed ikun soġġett għad-*dumping* u għalhekk qed joħloq ħsara materjali lill-industrija Komunitarja.

1. L-ilment

L-ilment sar fis-6 ta' Settembru 2007 mill-Federazzjoni Nazzjonali Spanjola ta' Assoċjazzjonijiet ta' Frott u Ħaxix Ipproċessat (FNACV — *Spanish National Federation of Associations of Processed Fruit and Vegetables*) ('il-kwerelant') f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni Komunitarja ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (bħal mandolin, eċċ.).

2. Il-prodott

Il-prodott li allegatament qed ikun soġġett għad-*dumping* huwa madolin ippreparat jew ippriżervat (inklużi l-varjetajiet tangerines u satsumas), klementini, wilkings u ibridi taċ-ċitru simili oħrajn, mingħajr spirti miżjuda, biz-zokkor jew sustanza ta' ħlewwa miżjuda, jew mingħajr, u kif definit taħt l-intestatura NM 2008, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ('il-prodott ikkonċernat'), normalment iddikjarat fi ħdan il-kodiċi NM 2008 30 55, 2008 30 75 u ex 2008 30 90. Dawn il-kodiċi NM qed jingħataw biss bħala tagħrif.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

3. L-allegazzjoni ta' *dumping*

Fin-nuqqas tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat barra mill-Komunità u mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-kwerelant stabbilixxa valur normali għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fuq il-bażi tal-prezzijiet tassew imħassla jew pagabbli fil-Komunità għall-prodott simili. L-allegazzjoni ta' *dumping* hija msejsa fuq tqabbil tal-valur normali, ikkalkulat b'dan il-mod, mal-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Komunità.

Fuq din il-bażi, il-marġni ta' *dumping* ikkalkulat huwa sinifikanti.

4. L-allegazzjoni ta' ħsara

Il-kwerelant ipprovda evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina żdiedu b'mod ġenerali f'termini assoluti u f'termini ta' sehem tas-suq.

Huwa allega li l-volumi u l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat importat kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq il-livell tal-prezzijiet mitluba mill-industrija Komunitarja, bir-riżultat ta' effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni globali u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija Komunitarja.

5. Il-proċedura

Billi ġie ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li l-ilment sar mill-industrija Komunitarja jew f'isimha u li hemm biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' proċedura, il-Kummissjoni b'dan qed tniedi investigazzjoni skond l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

5.1. ***Il-Proċedura għad-determinazzjoni tad-dumping u l-ħsara***

L-investigazzjoni se tistabbilixxi jekk il-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina hux qed ikun soġġett għad-*dumping* u jekk dan id-*dumping* ikkawżax ħsara.

(a) *Teħid ta' kampjuni*

Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' partijiet involuti f'din il-proċedura, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tapplika t-teħid ta' kampjuni skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(i) Teħid ta' kampjuni għal esportaturi/produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ u, jekk ikun il-każ, tagħżel kampjun, l-esportaturi/il-produtturi kollha, jew rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma hawnhekk mitluba li jippreżentaw lilhom infushom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni u jipprovdu t-tagħrif li ġej dwar il-kumpanija jew kumpaniji tagħhom fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-punt 6(b)(i) u fil-formati indikati fil-punt 7:

— isem, indirizz, indirizz elettroniku, numri tat-telefown u tal-fax u persuna ta' kuntatt,

— id-dħul f'valuta lokali u l-volum f'tunnellati tal-prodott ikkonċernat mibjugħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2006 u t-30 ta' Settembru 2007,

— id-dħul f'valuta lokali u l-volum tal-bejgħ f'tunnellati tal-prodott ikkonċernat fis-suq lokali matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2006 u t-30 ta' Settembru 2007,

— jekk il-kumpanija hux bi ħsiebha titlob marġni individwali ([1]) (il-marġnijiet individwali jistgħu biss jintalbu minn produtturi),

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija fir-rigward tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha ([2]) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (għall-esportazzjoni u/jew domestiku) tal-prodott ikkonċernat,

— kull tagħrif rilevanti ieħor li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Meta tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel ma' l-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tifforma parti mill-kampjun, dan jimplika li l-kumpanija jkollha twieġeb għal kwestjonarju u taċċetta investigazzjoni fuq il-post dwar ir-reazzjoni tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx ma' l-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konsegwenzi għal nuqqas ta' kooperazzjoni huma stipulati fil-punt 8 hawn taħt.

Biex tikseb it-tagħrif li jidhrilha huwa meħtieġ għall-għażla tal-kampjun ta' esportaturi/produtturi, il-Kummissjoni, barra minn hekk, se tikkuntattja lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur, u lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' esportaturi/produtturi.

(ii) Teħid ta' kampjuni għall-importaturi

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ u, jekk dan ikun il-każ, tagħżel kampjun, l-importaturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma b'dan mitluba li jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni u jipprovdu t-tagħrif li ġej dwar il-kumpanija jew kumpaniji tagħhom fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(b)(i) u fil-formati indikati fil-punt 7:

— isem, indirizz, indirizz elettroniku, numri tat-telefown u tal-fax u persuna ta' kuntatt,

— id-dħul totali f'Euro tal-kumpanija matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2006 u t-30 ta' Settembru 2007,

— l-għadd totali ta' impjegati,

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija fir-rigward tal-prodott ikkonċernat,

— il-volum f'tunnellati u l-valur f'Euro ta' importazzjonijiet u bejgħ mill-ġdid magħmula fis-suq Komunitarju matul il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2006 u t-30 ta' Settembru 2007 tal-prodott ikkonċernat importat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha ([3]) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat,

— kull tagħrif rilevanti ieħor li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Meta tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel ma' l-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel sabiex tifforma parti mill-kampjun, dan jimplika li l-kumpanija jkollha twieġeb għal kwestjonarju u taċċetta investigazzjoni fuq il-post dwar ir-reazzjoni tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx ma' l-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konsegwenzi għal nuqqas ta' kooperazzjoni huma stipulati fil-punt 8 hawn taħt.

([1]) Marġnijiet individwali jistgħu jintalbu skond l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku għal kumpaniji mhux inklużi fil-kampjun, l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku dwar it-trattament individwali f'każijiet li jinvolvu pajjiżi li mhumiex fis-suq ekonomiku/bl-ekonomiji tagħhom fi tranżizzjoni, u l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku għal kumpaniji li qegħdin jitolbu trattament ta' suq ekonomiku. Ta' min jinnota li talbiet għal trattamenti individwali jeħtieġu applikazzjoni skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku u li t-talbiet dwar it-trattament ta' suq ekonomiku jeħtieġu applikazzjoni skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku.

([2]) Għal gwida dwar it-tifsira ta' kumpaniji relatati, jekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (2.7.1993) li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

([3]) Għal gwida dwar it-tifsira ta' kumpaniji relatati, jekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

Biex tikseb it-tagħrif li hija tqis meħtieġ għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi, il-Kummissjoni tista', barra minn hekk, tikkuntattja kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

(iii) L-għażla finali tal-kampjuni

Il-partijiet kollha interessati li jixtiequ jressqu xi tagħrif rilevanti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għażla tal-kampjuni jridu jagħmlu dan fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(b)(ii).

Il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel l-għażla finali tal-kampjuni wara li tkun ikkonsultat il-partijiet ikkonċernati li esprimew ir-rieda tagħhom li jiġu inklużi fil-kampjun.

Il-kumpaniji inklużi fil-kampjun għandhom iwieġbu għall-kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-punt 6 (b)(iii) u għandhom jikkooperaw fi ħdan il-qafas ta' l-investigazzjoni.

Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' ssejjes s-sejbiet tagħha, skond l-Artikoli 17 (4) u 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-fatti disponibbli. Sejba msejsa fuq fatti disponibbli tista' tkun anqas vantaġġuża għall-parti kkonċernata, kif spjegat fil-punt 8.

(b) *Kwestjonarji*

Biex tikseb it-tagħrif li hija tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-industrija Komunitarja u lil kwalunkwe assoċjazzjoni ta' produtturi fil-Komunità, lill-esportaturi/produtturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina magħżula għall-kampjun, lil kwalunkwe assoċjazzjoni ta' esportaturi/produtturi, lill-importaturi magħżula għall-kampjun, lil kwalunkwe assoċjazzjoni ta' importaturi msemmija fl-ilment u lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur ikkonċernat.

L-esportaturi/produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li jitolbu marġni individwali, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 17(3) u 9(6) tar-Regolament bażiku, iridu jressqu kwestjonarju komplut fil-limitu ta' żmien stabbilit f'punt 6 (a)(ii) ta' dan l-avviż. Għalhekk għandhom jagħmlu talba għal kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(a)(i). Madankollu, dawn il-partijiet għandhom ikunu konxji li jekk it-teħid ta' kampjuni jiġi applikat lill-esportaturi/produtturi, il-Kummissjoni tista' xorta waħda tiddeċiedi li ma tikkalkulax marġni individwali għalihom, jekk l-għadd ta' esportaturi/produtturi tant ikun kbir li eżami individwali jkun ta' piż bla bżonn u jxekkel it-tmiem fil-ħin ta' l-investigazzjoni.

(c) *Ġbir ta' tagħrif u smigħ ta' seduti*

Il-partijiet kollha interessati qegħdin b'dan jiġu mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, jibagħtu tagħrif barra mit-tweġibiet għall-kwestjonarju u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Dan it-tagħrif u din l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fil-limitu ta' żmien stipulat f'punt 6(a)(ii).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' l-partijiet interessati, sakemm dawn jagħmlu talba li fiha juru li hemm raġunijiet partikulari għalfejn għandhom jinstemgħu. Din it-talba trid issir fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(a)(iii).

(d) *Bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali*

Fin-nuqqas ta' produzzjoni tal-prodott ikkonċernat barra mill-Komunità u mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, dan huwa maħsub li jsejjes il-valur normali, skond l-Artikolu 2 (7)(a) tar-Regolament bażiku, fuq kwalunkwe bażi raġonevoli oħra, jiġifieri l-prezzijiet tassew imħallsa jew pagabbli fil-Komunità għall-prodott simili. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna jikkummentaw dwar kemm hija xieraq din il-bażi għall-iffissar tal-valur normali fil-limitu taż-żmien speċifikat stabbilit fil-punt 6(c).

(e) *Trattament ta' ekonomija tas-suq*

Għal dawk l-esportaturi/produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li jistqarru u jipprovdu biżżejjed evidenza li joperaw skond kundizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq, jiġifieri li jilħqu l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, il-valur normali se jiġi stabbilit skond l-Artikolu 2(7) (b) tar-Regolament bażiku. Il-produtturi/esportaturi li biħsiebhom iressqu talbiet sostanzjati b'mod xieraq għandhom jagħmlu dan fiż-żmien stipulat f'punt 6(d). Il-Kummissjoni se tibgħat formoli ta' talba lill-esportaturi/produtturi kollha fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li huma msemmija fl-ilment u lil kwalunkwe assoċjazzjoni ta' esportaturi/produtturi msemmija fl-ilment, kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

5.2. ***Il-proċedura għall-evalwazzjoni ta' l-interess Komunitarju***

Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku u fil-każ li l-allegazzjonijiet ta' *dumping* u d-ħsara kkawżata minħabba f'hekk ikunu sostanzjati, se tittieħed deċiżjoni dwar jekk l-adozzjoni ta' miżuri ta' *anti-dumping* tmurx kontra l-interess Komunitarju. Għal din ir-raġuni, l-industrija Komunitarja, l-importaturi, l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' l-utenti u tal-konsumatur, bil-kundizzjoni li jippruvaw li hemm rabta oġġettiva bejn l-attività tagħhom u l-prodott ikkonċernat, jistgħu, fil-limiti ġenerali ta' żmien stipulati fil-punt 6(a)(ii), jippreżentaw lilhom infushom u jipprovdu tagħrif lill-Kummissjoni. Il-partijiet li aġixxew b'konformità mas-sentenza preċedenti jistgħu jitolbu smigħ billi jfissru r-raġunijiet partikulari għaliex għandhom jinstemgħu fi ħdan il-limitu ta' żmien stipulat f'punt 6(a)(iii). Għandu jiġi osservat li kwalunkwe tagħrif ippreżentat skond l-Artikolu 21 se jitqies biss jekk ikun sostnut b'evidenza fattwali fil-waqt tal-preżentazzjoni.

6. **Limiti ta' żmien**

(a) *Limiti ta' żmien ġenerali*

(i) Għall-partijiet biex jitolbu kwestjonarju jew formoli ta' talba oħrajn

Il-partijiet kollha interessati għandhom jitolbu kwestjonarju jew formoli ta' talba oħrajn kemm jista' jkun malajr, iżda mhux aktar tard minn 10 ijiem mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(ii) Għall-partijiet sabiex jippreżentaw lilhom innifishom, jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju u kull tagħrif ieħor

Il-partijiet interessati kollha, jekk ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom se jitqiesu matul l-investigazzjoni, għandhom jiddikjaraw lilhom infushom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, jippreżentaw il-fehmiet tagħhom u jissottomettu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kwalunkwe tagħrif ieħor fi żmien 40 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Qed tingħibed l-attenzjoni li l-eżerċizzju tal-parti l-kbira tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-parti tippreżenta lilha nnifisha lill-Kummissjoni matul il-perjodu msemmi qabel.

Il-kumpaniji magħżula f'kampjun għandhom iressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarji fil-limiti ta' żmien speċifikati f'punt 6(b)(iii).

(iii) Smigħ

Il-partijiet kollha interessati jistgħu wkoll japplikaw sabiex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 40 jum.

(b) *Il-limitu speċifiku ta' żmien fir-rigward tat-teħid ta' kampjuni*

(i) It-tagħrif speċifikat fil-punti 5.1(a)(i) u 5.1(a)(ii) għandu jasal għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, dan sakemm il-Kummissjoni biħsiebha tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati li esprimew ir-rieda tagħhom li jiġu inklużi fil-kampjun fl-għażla finali tagħha fi żmien 21 jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(ii) Kull tagħrif ieħor rilevanti għall-għażla tal-kampjun kif imsemmi fil-5.1(a)(iii) għandu jasal għand il-Kummissjoni fi żmien 21 jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(iii) It-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-partijiet inklużi fil-kampjun għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tan-notifika ta' l-inklużjoni tagħhom fil-kampjun.

(c) *Il-limitu ta' żmien speċifiku għall-għażla tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq*

Il-partijiet fl-investigazzjoni jistgħu jixtiequ jikkummentaw dwar l-adegwatezza li l-valur normali għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jissejjes fuq prezzijiet tassew imħallsa jew pagabbli fil-Komunità Ewropea għall-prodott simili, kif imsemmi fil-punt 5.1(d). Dawn il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni sa 10 ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(d) *Il-limitu ta' żmien speċifiku biex jintbagħtu t-talbiet għal trattament ta' ekonomija tas-suq u/jew għal trattament individwali*

Talbiet issostanzjati kif xieraq għal trattament ta' ekonomija tas-suq (kif imsemmi fil-punt 5.1(e)) u/jew għal trattament individwali skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

7. **Sottomissjonijiet, tweġibiet għall-kwestjonarju u korrispondenza, bil-miktub**

Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-fax tal-parti interessata. Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan l-avviż, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduti mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati bħala "*Ristretti* [1]" u, skond l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandhom ikunu akkumpanjati b'verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata 'Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati'.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate H
Office: J-79 4/22
B-1049 Brussels
Fax (32-2) 295 65 05.

[1] Dan ifisser li d-dokument huwa għal użu intern biss. Huwa protett skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (30.5.2001) rigward l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skond l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim dwar l-Anti-dumping).

8. **Nuqqas ta' kooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għal jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fil-limiti ta' żmien, jew b'mod sinifikanti tfixkel l-investigazzjoni, is-sejbiet proviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li parti interessata tkun forniet tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif għandu jitwarrab u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet għalhekk jissejsu fuq fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

9. **Skeda ta' l-investigazzjoni**

L-investigazzjoni se tkun konkluża, skond l-Artikolu 6(9) tar-Regolament bażiku fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Skond l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri proviżorji jistgħu jiġu imposti mhux aktar tard minn 9 xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

10. **Ipproċessar ta' tagħrif personali**

Jekk jogħġbok kun af li kull tagħrif personali miġbur f'din l-investigazzjoni se jkun ittrattata skond ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (18.12.2000) dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]).

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

GĦAJNUNA MILL-ISTAT — IL-ĠERMANJA

Għajnuna mill-Istat C 33/07 (ex N 729/06 u N 339/06) — Fond ta' kapital ta' riskju IBG għal Sachsen-Anhalt

Stedina għas-sottomissjoni ta' kummenti skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 246/09)

Permezz ta' l-ittra datata t-30 ta' Awissu 2007 riprodotta fil-lingwa awtentika fil-paġni li jiġu wara dan is-sommarju, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward tal-miżuri msemmijin hawn fuq.

